MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 600/2013

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta’ Dicembru ta’ l-elf disa’ mija tnejn u tmenin (1982) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat (4) itfal, illum ilkoll maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Charles Mangion mill-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013); (Ara Dok B anness);

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju favur l-ulied stante li l-ulied huma magorenni, u ghalkemm hemm wiehed mill-ulied li ghadu ma ghalaqx it-tlieta u ghoxrin (23) sena, dan ghandu impjieg fuq bazi full time u ghalhekk m’hemmx manteniment dovuti fil-konfront tal-ulied. Lanqas m’hemm arretrati ta’ manteniment dovuti f’dan ir-rigward;

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola 4) il-partijiet qablu li r-ragel irrinunzja mid-dritt tieghu illi jitlob u jircievi manteniment minghand il-mara. Il-partijiet qablu wkoll illi r-ragel ghandu jhallas lil martu s-somma ta’ mija u hamsin Ewro (€150) pagabbli kull erba’ (4) gimghat bil-quddiem bhala manteniment ghal bzonnijiet taghha skond l-istess kundizzjonijiet elenkati fil-kuntatt ta’ separazzjoni tal-partijiet (Ara Dok B, klawsola 5). F’dan l-istadju m’hemmx arretrati ta’ manteniment favur il-mara;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mifrudin minn Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Dicembru, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Marzu 2013, izda ilhom de facto separati minn Gunju 2009;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------